**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 152/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**William Gauci**

Illum, 19 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, William Gauci, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 520973(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

i) Fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala klijent li għalih qiegħed isir xogħol f' Victoria Court, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, nhar l-24 ta' Marzu 2021, matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, naqas milli jwettaq ir-responsabbilitajiet tiegħu f'dan ir-rigward minkejja li ħatar *project supervisor* u dan billi naqas milli tiġi osservata s-saħħa u s-sigurta' fuq is-sit tal-kostruzzjoni tiegħu in konsiderazzjoni kull rapport bil-miktub mogħti mis-supervisor tal-proġett u jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li dawk responsabbli jirrispettaw l-obbligi tagħhom fil-limiti tar-responsabbilitajiet u jieħu l-mizuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u s-sigurta' fuq ix-xogħol u dan ai termini ta' Art. 8 (1, 3 u 4) u A.L. 88/2018.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Marzu 2022, fejn il-Qorti kienet tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex

tipprova l-kaz tagħha sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju raġonevoli u għaldaqstant illiberat lill-appellat mill-akkuża hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fil-11 ta' April 2022, fejn talab lill-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellat ħati, skond il-liġi, tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tinfliġġi fuqu l-piena idonea skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jqanqal aggravju uniku fejn jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħatx raġjonevolment jew legalment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha abbazi tal-provi miġjuba quddiemha. Illi hija il-fehma ta'l-Avukat Ġenerali illi kellha tirriżulta r-reita', u dana speċjalment in vista tal-inverżjoni tal-provi fuq l-ispalla tal-persuna akkużata li jrid jipprova sal-grad minnu mistenni illi ma għandux jerfa' r-responsabbilta' għal-infrazjoni tal-liġi lilu addebitata. Fl-aħħarnett l-Avukat Ġenerali jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għall-konkluzjoni li ma kienx hemm in-nuqqasijiet elenkati mill-uffiċjal tal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol fis-sit ta' kostruzzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri matul il-perijodu ndikat fiċ-ċitazzjoni, u wkoll illi fis-sit in kwistjoni ma kienx qed isir xogħol f'dak iż-żmien temporali.

Illi l-aggravju ta'l-Avukat Ġenerali allura huwa wieħed dirett lejn l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u għalhekk f'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-

konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

**Ikkunsidrat:**

Illi, mill-Atti Proċesswali jirrizulta illi nhar l-24 ta' Marzu 2021, uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol – Mira Borg Pisha – għamlet spezzjoni ġewwa sit ta' kostruzzjoni bl-isem Victoria Court, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, fejn irrizultalha li s-sit in kwistjoni kellu diversi nuqqasijiet konsistenti f'nuqqas ta' ilqugħ mal-gallariji tal-faċċata. L-istess uffiċjal ippreżentat ukoll zewġ ritratti li jidhru li ittieħdu minn distanza imbiegħda mis-sit in kwistjoni. Spezzjoni fuq is-sit, għalhekk, qatt ma saret mill-uffiċjal imsemmija.

Illi l-*project supervisor* tas-sit, ċertu Joseph Camilleri, ppreżenta tlett rapporti magħmulin minnu, datati 15 ta' Jannar 2021, 27 ta' Frar 2021 u 12 ta' Marzu 2021 rispettivament. Minn dawn ir-rapporti jirriżulta li kien biss fis-27 ta' Frar 2021 li huwa rriskontra xi nuqqasijiet fis-sit, liema nuqqasijiet ġew rimedjati mill-appellat hekk kif ġie nfurmat bihom. Di fatti, tali nuqqasijiet kienu ġew rimedjati sal-ispezzjoni sussegwenti, li seħħet xi ftit ġranet wara. Irrizulta ukoll li fid-data tal-ispezzjoni magħmula mill-uffiċjal tal-OHSA, is-sit in kwistjoni kien magħluq, ma kienx aċċessibli għall-pubbliku u ma kienx hemm ħaddiema stante li x-xogħol kien wieqaf. In-nuqqasjiet lil seta' kien hemm konsistenti f'xi ħsara li saret fl-ilqugħ li kienu ghadhom

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

kemm twaħħlu wkoll ġew minnu rimedjati u dan kif jirriżulta mix-xiehda tal-appellat stess.

Illi huwa minnu dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali fl-appell minnu ntentat illi l-liġijiet regolanti s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol iqiegħdu l-oneru tal-prova fuq l-imputat sabiex juri li għamel dak kollu raġjonevolment mistenni minnu sabiex jaderixxi ruħu mal-obbligi tiegħu naxxenti mill-Liġi[2]. Issa minn qari taċ-ċitazzjoni jirriżulta illi l-appellat kien mixli li naqas mill-obbligi tiegħu li jħares is-saħħa u is-sigurta' fis-sit proprjeta tiegħu taħt kostruzzjoni fiż-żmien temporali tal-"*24 ta' Marzu 2021, matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel*". Illi l-ispezzjoni mill-uffiċjal tal-OHSA seħħet biss nhar l-24 ta' Marzu 2021, data li fiha ukoll l-uffiċjal ħadet ir-ritratti allegatament inkriminatorji. Dwar dak li seħħ fil-ġranet, ġimgħat jew xhur ta' qabel dina l-istess data, mbagħad, tressaq bħala xhud il-*project supervisor* li eżbixxa r-rapporti minnu mħejjija u li jifformaw parti mill-atti proċesswali. Dina l-Qorti tinnota li filfatt, hekk kif irrimarkat ben tajjeb l-Ewwel Qorti, l-uffiċjal tal-OHSA ħadet ir-ritratti eżebiti minn ċertu distanza mbiegħda mis-sit, billi din tal-aħħar ma aċċedietx fuq is-sit u għalhekk huwa ferm diffiċli li jkun stabbilit bil-preċis x'kien in-nuqqas allegat. Dan qed jingħad ukoll in vista tal-fatt li fir-ritratti in kwistjoni, l-Qorti tista' tosserva struttura li jista' jkun li tikkonsisti f'xi forma ta' lqugħ, iżda, stante li l-istess ritratti ttieħdu mil-bogħod, ma jistax ikun hemm ċertezza dwar f'hix jikkonsistu l-biċċiet tal-injam li donnhom jidhru 'il ġewwa mill-gallariji. *In oltre*, jirriżulta ppruvat li dakinhar tal-istess spezzjoni, fil-fond in kwistjoni ma kienx hemm xogħlijiet għaddejja, ma kienx hemm ħaddiema u l-istess fond ma kienx aċċessibbli għall-pubbliku. L-appellat *ex admissis* igħid li kienu nqalgħu xi injam minn dawn l-ilqugħ, iżda hawn ukoll irrimedja din il-ħsara għalkemm igħid li l-post kien magħluq u ma kenux qed isiru xogħolijiet fih f'dak iż-żmien.

Illi għalkemm huwa minnu dak li jsostni l-Avukat Ġenerali illi fid-data tal-27 ta' Frar 2021, kien hemm nuqqasijiet fis-sit in kwistjoni hekk kif xehed il-*project supervisor* Joseph Camilleri, madanakollu huwa wkoll ippruvat illi hekk kif l-istess *supervisor*

[2] Regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018

avża lill-appellat bihom saru ix-xogħolijiet rimedjali minnufih, tant li ftit tal-ġranet wara l-istess *project supervisor* ma sab l-ebda nuqqasijiet fis-sit in kwistjoni. Dan magħdud allura huwa bil-wisq evidenti li l-appellat ottempera ruħu mal-liġi billi fl-ewwel lok huwa ħa in konsiderazzjoni ir-rapport imħejji mis-*supervisor* tal-proġett, u wara ħa dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex ineħħi il-periklu rapportat. Għamel dan ukoll hekk kif kien avżat mill-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol illi kien hemm xi lqugħ li setgħu ma kenux f'posthom. F'dan il-perijodu, madanakollu is-sit kien magħluq u mhux aċċessibbli la għal haddiema u lanqas għal pubbliku. Għaldaqstant, huwa ppruvat ampjament li l-appellat osserva l-liġijiet li jirregolaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u rrettifika kwalsiasi nuqqasijiet li kien hemm b'mod spedjenti u għalhekk l-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**